**IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum l-24 ta' Ġunju 2021**

Appell numru 280/2019

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Christopher DEBRINCAT**

Il-Qorti:

1. Dan huwa digriet in segwitu għat-talba tal-appellant DEBRINCAT magħmula fis-seduta ta' nhar is-17 ta' Novembru 2020 sabiex il-Qorti tal-Appell tiġi konvertita f'Qorti ta' Droga ai termini tal-Artikolu 8 tal-Att dwar id-Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija), Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Rat li permezz ta' sentenza deċiża nhar is-27 ta' Settembru 2019, l-appellant kien ġie misjub ħati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gżejjer, nhar l-14 ta' Ottubru 2012 u fil-ġimgħat ta' qabel:

i) ittraffika, biegħ, qassam jew offra li jittraffika, ibiegħ jew iqassam mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr l-awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub tas-Supretendent tas-Saħħa Pubblika bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati;

ii) kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr l-awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati;

iii) kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (mephedrone) mingħajr l-awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati;

iv) kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħudha mill-pjanta tal-cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Rat li l-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-imputat DEBRINCAT mhux ħati tat-tielet u tar-raba' imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u lliberatu minnhom, fil-waqt li sabitu ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet u kkundannatu għal piena ta' tlett xhur priġunerija effettiva u għal piena ta' ammenda ta' ħamsa u ħamsin Ewro. Il-Qorti ordnat ukoll

lill-ħati sabiex ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, iħallas is-somma ta' mija disgħa u sittin Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu rappreżentanti l-ispejjeż b'konnessjoni tal-ħatra tax-Xjenzat Godwin Sammut liema spejjeż ordnat li jitħallsu mill-ħati fiż-żmien xahar mid-data tas-sentenza.

4. Rat li Christopher DEBRINCAT appella minn din is-sentenza permezz ta' rikors datat 11 ta' Ottubru 2019 fejn talab lill-Qorti tal-Appell sabiex jogħoġbha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn il-Qorti ma sabitux ħati tat-tielet u tar-raba' imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, tirrevoka s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni u għalhekk tilliberah minnhom. Alternattivament, l-appellant talab lil Qorti tal-Appell sabiex f'każ li l-appell ma jintlaqax, din ikun joġgħobha tirriforma s-sentenza appellata f'dik il-parti konċernanti l-piena u minflok tinfliġġi piena aktar ekwa u idoneja għaċ-ċirkostanzi tal-appellant.

5. Rat li fis-seduta ta' nhar id-29 ta' Ottubru 2019, il-Qorti ddifferiet il-kawża għas-17 ta' Novembru 2019 b'dan li l-Avukat Ġenerali ngħata żmien sabiex jippreżenta nota fir-rigward tat-talba magħmula mid-Difiza ai termini tal-Artikolu 8 tal-Att dwar id-Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija), Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. Rat li nhar is-17 ta' Novembru, 2019 din il-kawża ġiet differita għas-17 ta' Jannar 2021 għall-istess skop imsemmi iktar 'il fuq.

7. Rat li l-Avukat Ġenerali ippreżenta n-nota surreferita nhar it-12 ta' Jannar 2021 fejn huwa bbaża l-argument tiegħu fuq l-applikabbilita' o meno tal-Artikolu 13(a) tal-Att dwar id-Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija), Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta għall-każ in kwistjoni fuq l-interpretazzjoni ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-isem Il-Pulizija vs. Gilbert Busuttil (appell numru 47/2018). Saret trattazzjoni fuq dan il-punt, u l-Qorti ddifferiet l-appell għall-digriet fuq dan il-punt għall-11 ta' Frar 2021;

8. Rat li din il-Qorti, permezz ta' digriet datat 11 ta' Frar 2021 kienet iddeċidiet li f'dan il-każ ma kien hemm ebda impediment minn dawk imsemmija fl-Artikolu 13 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta b'dan kwindi li setgħet tistħarreġ jekk u safejn l-appellant jikkwalifika fit-termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u ordnat il-kontinwazzjoni tas-smiegħ tat-talba sabiex il-Qorti tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Droga.

9. Semgħet lix-xhieda Dr. John Zammit Bonello u Kaya Grixti b'rabta mat-talba magħmula ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat : -**

10. L-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 jippreskrivi s-segwenti:

> (1) Meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward tal-kwantita' ta' droga projbita li, irrispettivament mit-tip ta' droga jew mill-purita ma taqbiżx il-kwantita' ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantita' ta' droga li tindika lill-persuna akkużata mgħandhiex tiġi riferita għal

proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali, jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' multa ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija, u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema', toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.

(2) Il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti għall-finijiet tas-subartikolu (1) huma dawn li ġejjin:

a) Li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih il-persuna akkużata hija mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ippruvata fuq id-droga tal-akkużat;

b) Ir-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hija mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regolari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;

c) Li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga.

11. Issa, f'dan il-każ mhemmx dubju li r-reat allegatament kommess mill-appellant DEBRINCAT huwa reat kontra l-liġijiet dwar id-droga hekk kif ġie misjub f'pussess tad-droga ecstasy u mephedrone bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom X'Jaqsmu Magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Artikolu 8(1) tal-Kapitolu 537 jirrikjedi pero' li l-kwantita' tad-droga in kwistjoni ma tkunx tissupera l-kwantita' ta' Droga elenkata fir-Raba' Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta liema skeda fil-każ tad-droga ecstasy tippreskrivi limitu ta' tlett mitt pillola. Għal dak li jirriwarda l-mephedrone, din hija klassifikata bħala tip ta' amfetamina u għaldaqstant skont ir-Raba' Skeda bħala kwantita' m'għandhiex

tissupera it-tlett mitt gramma sabiex ikun jista' jsib applikazzjoni l-Artikolu 8(1) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

12. Issa, skont ix-xhieda tal-Ispettur Pierre Grech f'paġna 11 tal-atti proċesswali, fuq il-persuna tal-imputat appellant DEBRINCAT instabu żewġ pilloli ecstasy u fil-vettura li kien fiha l-appellant instabu għaxar pilloli suspettati ecstasy f'kontenitur fil-glove compartment tal-vettura. Fl-ashtray fil-vettura nstab ukoll roach. Mill-analiżi tax-Xjenzat Godwin Sammut sussegwentement irriżulta li l-pilloli sekwestrati mill-Pulizija u li ġew mgħoddija lilu għall-analiżi kien fihom is-sustanza Methylenedioxymethamphetamine (MDMA) fin-numru total ta' **tnax-il pillola ecstasy**. Għalhekk, il-kwantita' ta' droga mertu ta' dawn il-proċeduri kienet fi kwantita' li taqa' fil-parametri ċirkoskritti fir-Raba' Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u tissodisfa wkoll ir-rekwiżiti tal-Artikolu 8(1) tal-Kapitolu 537 f'dan is-sens.

13. Stabbilt li r-reat in kwistjoni huwa reat dwar id-droga fi kwantitajiet li ma jissuperawx il-limitu preskritt fir-Raba' Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, jeħtieġ li issa jiġu mistħarrġa l-kriterji indikati fis-sub-inċiż tnejn tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537. Huwa paċifiku li l-applikabbilita' tal-Artikolu 8(1) tal-Kapitolu 537 hija suġġetta neċessarjament għall-kriterji msemmijin fit-tieni subinċiż tiegħu liema kriterji l-Leġislatur ried li jiġu sodisfatti **<u>kumulativament</u>** mill-akkużat sabiex jirnexxi fit-talba tiegħu. Isegwi li l-akkużat irid iressaq dawk il-provi kollha li permezz tagħhom ikunu jirriżultaw **<u>il-kriterji kollha</u>** hekk elenkati fl-Artikolu 8(2) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

14. Għal dak li jirrigwarda l-kriterju a) tas-subinċiż numru tnejn, il-Leġislatur kien speċifiku li jirrikjedi rabta bejn il-kommissjoni tar-reat li l-akkużat ikun mixli bih u d-dipendenza ppruvata tiegħu. Għaldaqstant l-oneru tal-prova hawnhekk huwa doppju fuq l-appellant: jeħtieġ li jipprova (i) dipendenza (serja) fuq id-droga u mhux sempliċement li kien jabbuża mid-droga darba kultant, l-hekk imsejjaħ casual user u (ii) li l-kommissjoni tar-reat akkużat bih kienet attribwibbli għal din id-dipendenza fuq id-droga. Huwa minnu wkoll li sabiex jiġi ppruvat dan il-kriterju, jeħtieġ li l-appellant jipprova li fiż-żmien tat-twettiq ta' dan l-allegat reat, hu ma kienx mifdi minn tali vizzju għaliex allura f'dak il-każ l-element tar-rabta ma jkunx hekk jirriżulta.

15. L-appellant għażel li jixhed f'dawn il-proċeduri fejn f'paġna 51 tax-xhieda tiegħu huwa jgħid li kellu vizzju gravi tad-droga tant li f'weekend ġieli kien jibla' madwar tmien pilloli ecstasy. F'paġna 53 tax-xhieda tiegħu jgħid ukoll li l-pilloli li sabu fuqu kienu ntiżi sabiex jiġu kkonsmati fil-weekends meta joħroġ mal-ħbieb tiegħu b'mod parikolari ma' ċertu Jurgen : -

> Xhud: Kelli tnejn fuqi jien ġo pakkett tas-sigaretti u kelli ġol-bott tal-Orbit fid-dashboard ta' Jurgen, ġol-karozza ta' Jurgen.
> Qorti: U x'kienu qed jagħmlu hemm dawn?
> Xhud: Konna żammejnihom hemm hekk. Biex ma nżommux kollox fuqna hux.
> Avukat: X'kontu ser tagħmlu bihom?
> Xhud: Mhux għalina.
> Avukat: Għalik, għal Jurgen.
> Xhud: Iva.
> Avukat: U għal xi ħadd ieħor?
> Xhud: Le għalija u għal Jurgen. Kif qed ngħidlek, aħna konna nitilgħu kull weekend kważi.

16. Fis-seduta ta' nhar l-24 ta' Ġunju 2021, xehed Dr. John Zammit Montebello fejn f'paġna 124 tax-xhieda tiegħu fuq domanda

ta' din il-Qorti, huwa kkonferma li wara li tkellem mal-appellant jirriżultalu li fil-passat kellu dipendenza mid-droga : -

> Qorti: Minn dak li qallek hu kien hemm possibilita' li inti tista' tivverifika jekk dak illi kien qed jgħidlek hu kienx minnu jew inkella xi storja maħluqa minnu?
> Xhud: Id-dettalji li ta fuq id-droga u fuq l-effetti tad-droga u x'kien għadda minnhom ma tantx naħseb, issa kemm kienet serja l-problema ma nistax ngħid, imma definitely kien hemm użu jew abbuż mid-droga fl-istorja tiegħu. Jiġifieri ċertu affarijiet li beda jispjega u ċerti effetti li beda jispjega u s-sitwazzjonijiet li kien fihom jindika li kien jieħu sustanzi, jabbuża minn sustanzi tossikodipendenti.

17. F'paġna 125 tax-xhieda tiegħu mbagħad ikompli jgħid li mill-analiżi illi għamel hu jirriżultalu li fiż-żmien tat-twettiq tar-reat in kwistjoni, l-appellant kien recreational abuser tad-droga ecstasy : -

> Xhud: Il-kwadru essenzjali recreational abuse ta' bniedem sixteen to eighteen għax ten years u kellu sitta u għoxrin sena qed nitkelmu pressapoco bejn sittax u tmintax -il sena, party drugs, party situation li sfortunatament nidħlu fihom ta' eta' żgħira.

18. Għalhekk, din il-Qorti tħoss li ġie sodisfaċentement ippruvat li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga kien sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza tal-akkużat mid-droga skont il-kriterju a) tas-subinċiż 2 tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

19. Għal dak li jirrigwarda l-kriterju b) tas-subinċiż 2 tal-Artikolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tara li, kif diġa ngħad qabel, ir-reat li ġie mixli bih DEBRINCAT jaqa' taħt il-kappa ta' reati kontra liġijiet dwar id-droga, u għalhekk dan il-kriterju ma jsibx applikazzjoni f'dan il-każ.

20. In kwantu għall-kriterju ċ), din il-Qorti tqis li llum il-ġurnata l-appellant irrijabilita ruħu u m'għadux hekk afflitt mill-problema tad-droga. Din il-Qorti tosserva kif diġa fi stadju meta l-proċeduri kienu għadhom quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta'

Ġudikatura Kriminali, l-uffiċjal tal-probation Glenn Grixti f'paġna 60 tax-xhieda tiegħu qal is-segwenti : -

> Dawn l-esperjenzi seta' kellhom impatt negattiv fuqu. Madankollu jidher li hu qed jagħmel ħiltu sabiex jgħix ħajja stabbli. Fil-present qed jirrisjedi f'appartament waħdu fejn anke saret żjara f'din ir-residenza. Jirriżulta li hu qed jiffinanzja l-ispejjeż kollha tal-ħajja pertmezz ta' mpjieg full time u ieħor part-time, liema impjiegi huma regolarizzati u qed jieħu ħsieb ukoll ix-xogħol tad-dar bħat-tindif u tisjir eċċ.../..Huwa għandu wkoll tewmin u għandu kuntatt regolari magħhom, liema tewmin huma riżultat ta' relazzjoni li ntemmet ftit tax-xhur ilu.

21. Madankollu jidher li xorta waħda kampjun tal-urina li ttieħed mill-uffiċjal tal-Probation f'Marzu 2017 kien għadu pożittiv għat-traċċi ta' droga cannabis b'mod tali allura li juri li sa dak iż-żmien xorta waħda kien għadu jmiss ma' sustanzi illeċiti.

22. L-istess ma jistax jingħad pero' snin wara meta fil-proċeduri quddiem din il-Qorti xehed it-tabib John Zammit Montebello u f'paġna 124 tax-xhieda tiegħu jikkonferma li l-appellant kien hekk imsejjaħ clean mill-vizzju tad-droga:

> Pros: Semmejt li bdejt issegwieh fi Frar. Kemm-il darba actually iltqajt miegħu?
> Xhud: Darbtejn, għax rajtu darba meta bgħatu t-tabib tiegħu, Dr. Mark Farrugia u mbagħad bgħatt għalih jien għax ridt nara li mhux ġie għandi u kien clean għax kien jaf li ġe għandu u ma ħax ċertu drogi. Ħallejt kważi xahrejn jgħaddu, għidtlu ejja ħa neħodlok sample tal-urina supervised minni stess biex nara li kien qiegħed mhux qed jieħu.

23. Tixhed imbagħad Kaya Grixti li hija l-sieħba tal-appellant DEBRINCAT u omm it-tfal tiegħu. F'paġna 128 tax-xhieda tagħha hija tgħid hekk:

> Jiena u Chris Debrincat għandna żewġt itfal, tewmin, xtrajna post flimkien, qed inħallsu l-loans. Qiegħed bil-għaqal, nista' ngħid li l-problema waqaf minnha. Relazzjoni mat-tfal hija tajba ħafna, jgħini ħafna.

24. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni f'paġna 132 tax-xhieda tagħha, Grixti tgħid hekk:

> Pros: U llum il-ġurnata, ejja nagħmlu comparison, meta qed ngħidu 2012 u llum il-ġurnata, tista' tispjega lill-Qorti x'bidla rajt fi Christopher?
>
> Xhud: Bidla rajt kbira jiġifieri, I mean rabba ħafna l-għaqal, minn mindu kellha t-tfal sar raġel tal-familja jiġifieri, jistinka, jirsisti għax-xogħol, fejn jista' jiġifieri jagħmel part time għamlu wkoll. Dejjem jaħseb fil-familja, x'jista' jagħmel id-dar, jiġifieri moħħu hemm, f'dawn l-affarijiet qiegħed.

25. Din il-Qorti osservat ukoll li l-fedina penali tal-appellant li tinsab a foljo 102 tal-atti proċesswali għad li mhix waħda netta, ma fihiex kundanni ta' natura serja u mgħandux kundanni relatati mad-droga.

26. Għalhekk, jirriżulta wkoll ippruvat il-kriterju ċ) tas-subinċiż tnejn tal-Artikolu 8 tal-kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta in kwantu ġie ppruvat a sodisfazzjon ta' din il-Qorti li DEBRINCAT ġie riabilitat mid-dipendenza fuq id-droga u għamel progress u sforz sostanzjali sabiex jeħles mid-dipendenza mid-droga.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet imsemmija aktar 'l fuq, din il-Qorti qiegħda tilqa' t-talba tal-appellant DEBRINCAT biex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u qiegħda għalhekk tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Droga.

Għalhekk tirreferi lill-appellant quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabbdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-istess Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tordna l-komunika ta' dan id-digriet lill-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Inqabdu bid-Droga.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**